# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 25 ta' Jannar 2019**

## Rikors Guramentat nru 159/2013 RGM

## A B

## vs

## C sive D E

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li jaqra kif gej:-

1. Illi b'digriet tat-13 ta' Gunju, 2013, l-Onorevoli Imhallef Abigail Lofaro iddikjarat il-Medjazzjoni tar-rikorrenti attur bhala maghluqa u awtorizzat lill-istess jipprocedi b'kawza, u dan fit-termini imposti mil-ligi. Illi effettivament hekk qieghed isir: vide Dokument RE1 li huwa kopja legali u awtentikata tad-digriet tal-awtorizazzjoni hawn indikata.

2. Illi saru diversi tentattivi bejn il-kontendenti partijiet biex tinstab soluzzjoni gusta relatata mal-harsien effettiv tal-minuri F-A li huwa c-centru tal-mertu ta’ din il-kawza odjerna.

3. Illi l-kontendenti partijiet kellhom relazzjoni li tferrxet fuq perjodu ta’ erba’ snin li tulhom l-intimata harget tqila tliet darbiet mir-rikorrenti, l-ewwel darba korriet, it-tieni darba wettqet abort barra l-ibhra territorjali Maltin, u t-tielet darba l-kontendenti kellhom lil dan it-tifel li llum ghandu l-eta` ta’ sentejn u tliet xhur.

4. Premess illi fir-raba’ taqsima ta’ din il-kawza hemm elenkat diversi dokumenti li jindikaw certifikati ufficjali relatati mal-kontendenti u t-tifel taghhom, kif ukoll tliet affidavits tar-rikorrenti u l-genituri tieghu, li maghhom hemm annessi diversi dokumenti li kollha jigu mfissra fil-mori tal-kawza peress illi dawn jirriflettu cirkostanzi, sitwazzjonijiet u incidenti li nholqu u li taw lok biex eventwalment wara diversi medjazzjonijiet li sehhew, ma kien baqa’ ebda alternattiva ghajr li jigu ntavolati l-proceduri odjerni.

5. Premess illi ma baqa’ ebda possibilita` li l-partijiet genituri jistghu isibu soluzzjoni bejniethom fl-interess suprem tal-minuri, u ghaldaqstant odjernament qieghda tigi ntavolata din il-kawza odjerna.

6. Premess illi r-rikorrenti jahdem *full time* ma’ intrapriza privata, waqt illi l-intimata kapaci tahdem kieku trid, imma ggib diversi skuzi lill-minuri halli ma tahdimx u tibqa’ tippercepixxi l-assistenza u l-ghajnuna socjali bid-diversi benefikati. In fatti, minkejja li l-kura u kustodja tal-minuri hija kongunta, l-intimata minn residenza f’Malta marret deliberatament tirrisjedi Ghawdex f’appartament ghaliha, pero li jappartjeni ghal organizzazzjoni biex tassisti nisa fil-kundizzjoni fizika u psikologika tal-intimata, u dana qed iwassal ghal strapazz enormi fuq ir-rikorrenti u taqtiegha l-hin kollu biex dan ikun jista’ jkollu access u jara lil ghaziz ibnu, li dalwaqt se jaghlaq sentejn u nofs.

7. Illi l-minuri mhuwiex qieghed f’ambjent li jaghmillu gid, la psikologikament u lanqas fizikament, u bhala ezempju ta’ dan huwa l-fatt li dan il-minuri, avolja ta’ din l-eta` tenera, diga huwa espert fid-dagha billi anke meta jkun ma’ missieru, ir-rikorrenti odjern, il-minuri l-hin kollu jidghi, naturalment minghajr ma jifhem dak li qed itenni, izda bhall-pappagall qed jirrepeti dak illi jisma’ mill-fomm ta’ ommu l-hin kollu, billi ghalissa l-minuri ghadu ma jmurx ebda forma ta’ skola.

8. Illi r-rikorrenti da parti tieghu, minbarra li ghandu mpjieg fis-sod u sigur, jghix fir-residenza tal-genituri tieghu fil-Mosta, li dejjem rabbewh fil-biza’ ta’ Alla u xtaqu lil binhom li jkun tifel biezel.

9. Illi r-rikorrenti llum ghandu l-eta` ta' erbgha u tletin (34) sena waqt illi l-intimata ghandha tnejn u erbghin (42) sena u tbati minn burdati ta' isterizmu, hija suxxettibblu ghall-vizzju tax-xorb (tant illi ftit wara li welldet lill-minuri kwazi qatlitu meta f'sakra ma tarax art, bi traskuragni u negligenza, b'irresponsabbilta` kbira hadet lill-minuri f'nightclub gewwa Bugibba, u hemmhekk halliet lill-minuri- li dak iz-zmien kellu seba' (7) xhur- jaqa' minn fuq banketta ta' bar li kienet biss il-hniena t'Alla li dat-tifel ma baqax sejjer ghandu.

10. Illi dan il-kaz huwa mertu ta' kumpilazzjoni li tinsab ghaddejja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, ippreseduta mill-Magistrat Dr Carol Peralta, u li tinsab differita ghax-xahar ta' Settembru, 2013.

11. Illi bejn il-partijiet genituri kien hemm diversi kawzi fil-qasam Kriminali, kollha pprovokati mill-istess intimata, u dana kollu jigi eleborat mir-rikorrenti u l-genituri tieghu fil-mori ta' din il-kawza.

12. Illi r-rikorrenti imhasseb serjament dwar is-sigurta` ta' ibnu u partikolarment dwar l-izvilupp fiziku u psikologiku teghu, inkluz l-edukazzjoni tieghu, l-orjentament spiritwali tieghu, u t-trobbija tieghu in generali. Illi huwa ovvju li c-cirkostanzi kif inhuma llum qed jindikaw triq ta' preokkupazzjoni ghal dan il-minuri u forsi jkun opportun li fil-mori ta' din il-kawza, l-intimata tigi anki ezaminata minn psikologu u psikjatra, billi d-deportament taghha jhalli lil kull min jaraha mhasseb bl-ikbar serjeta` dwar kemm hija stabbli mentalment l-intimata, u kemm hija fi stat ta' sahha fizika li tabilhaqq tista' tiehu hsieb lill-minuri, iben il-kontendenti.

13. Illi bejn il-genituri llum ma hemm ebda forma ta' komunikazzjni u lanqas jista' jkun hemm billi kull tentattiv li jaghmel ir-rikorrenti dejjem jispicca l-mira ta' tghajjir sfrenetiku u kliem baxx dirett lilu b'kull konnotazzjoni immaginabbli: dan kollu, kif tapprezza din il-Qorti, qieghed direttament u indirettament jassorbih il-minuri, u l-frott imnawwar diga qed jidher fid-dagha li l-minuri kapaci- mhux konxjozament – illi jikkomunika anke meta jkun fil-prezenza ta' missieru u n-nanniet paterni.

14. Illi hemm htiega li tibda ssir it-thejjija ghall-edukazzjoni skolastika tal-minuri u l-ahjar ambjent ghalih ghandu jinstab issa iktar milli mbaghad. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jrid illi jkollu l-kura u kustodja tal-ghaziz ibnu, b'access naturalment ghal ommu, jekk hemm bzonn taht supervizjoni, ghax ma jistax ikun li kull darba l-iben ikun mal-omm ikun suxxettibbli ghan-nixxiegha ta' dagha li jfegg minn fommha, ghal sitwazzjonijiet ta' sokor li l-intimata tirrikorri ghall-alkahol kull meta thoss li x-xorb huwa soluzzjoni, minghajr ma tirrifletti li dina 's-soluzzjoni'' twassal ghal iktar kumplikazzjonijiet u problemi.

15. Il-minuri ghandu jghix ma' missieru f'Malta fir-reseidenza fejn ikun qed joqghod, li bhalissa hija r-residenza tal-genituri tieghu, u bhala l-uniku wild in-nanniet paterni mhux biss huma dedikati ghar-rikorrenti imma naturalment jitfghu l-imhabba u l-entuzjazmu taghhom kollu versu dana n-neputi.

16. L-intimata, li hija mara mhux ma' zewgha, li kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel differenti, u f'Malta m'ghandha lil hadd li jigi minnha, hija impeduta milli titlaq bit-tifel minn Malta permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni li ottjena r-rikorrenti missieru, u ghaldaqstant skont il-ligi, l-ahjar salvagwardar ghall-interess suprem tal-minuri huwa li jigi fdat esklussivament f'idejn missieru li jista' jaghtih sigurta` u stabbilita`, apparti mill-ghozza u l-imhabba tan-nanniet paterni, u residenza stabbli fejn toqghod il-familja B gewwa l-Mosta.

17. Illi dawn il-proceduri jridu jitmexxew b'urgenza u in fatti malli jkun maghruf in-numru referenzjali ta' din il-kawza, ir-rikorrenti sejjer jintavola rikors biex *pendente lite* il-minuri jigi fdat f'idejn missieru il-ghaliex iridu jsiru t-thejjijiet fejn se jmur skola dan it-tifel, u kif din il-Qorti zgur se jkollha l-opportunita` li tevalwa, mal-intimata ma tasal imkien b'ebda logika billi tispicca vittma tal-insulti taghha. Dana kollu jistghu jikkonfermawh, fost ohrajn, il-Medjatrici Erika Cutugno, il-Magistrat Antonio Giovanni Vella, kif ukoll il-Magistrat Carol Peralta.

18. Il-kaz huwa serjissimu u in fatti kontestwalment mal-intavolar ta' din il-kawza qed jigi pprezentat rikors ulterjuri halli dan il-kaz jinstema' b'urgenza minhabba li fin-nofs hemm is-sahha fizika u morali ta' dan il-minuri, li kull jum li jghaddi, qieghed f'periklu kontinwu kemm ghall-istess sahhtu minhabba li l-intimata mhijiex f'qaghda li ddur bih, kif ukoll li dan il-minuri tiela' f'ambjent depravat mill-ghozza ta' imhabba ta' familja, l-ambjent li propju hija ambjentata fih il-familja tar-rikorrenti, li hija familja maghquda, u litteralment meta nsemmu lir-rikorrenti kwazi b'estenzjoni mieghu rridu ninkludu lil missieru u lil ommu, Albert Mario u Johanna sive Joanna sive Jane, konjugi B, li gja ilhom mizzewgin lil xulxin ghal kwazi sitta u tletin (36) sena, u li propju binhom ir-rikorrenti A trabba f'din l-atmosfera ta' rispett ghall-genituri li naturalment dan l-ambjent irid jghaddih lil ghaziz ibnu, li bhalissa huwa impossibbli li dan isehh minhabba l-access limitatissimu, ta' darba f'gimgha, darba s-Sibt u darba l-Hadd, bejn id-9am u 5am, bl-inkonvenjenza billi dan huwa arrangament pjuttost ricenti li sar bl-intervent tal-Avukati Emmy Bezzina u Vincent Galea, kif inkwadrati bil-gwida enforzabbli tal-Magistrat Dr Carol Pdin il-Qorti eralta.

19. Din il-Qorti tista' timmagina l-iskuzi interminabbli li ggib l-intimata biex kemm jista' jkun ticcertifika lil minuri bhala jew li ma jiflahx, jew li

ghandu xi vista l-isptar (issa l-isptar t'Ghawdex), tant hu hekk li mill-ewwel hamsa u ghoxrin (25) access kull ma rah lil ibnu kien biss perjodu ta' tlettax (13)-il darba. Jigifieri meta tqis li l-access huwa darba f'gimgha, jekk din taghmel numru ta' accessi ma turix lir-rikorrenti lil binha, dan irid jigi mmultiplikat b'gimgha kull darba: in fatti kien hemm f'okkazzjoni minnhom hames (5) gimghat konseguttivi fejn ir-rikorrenti lanqas ma kellu ebda ahbar tal-ghazizi ibnu.

20. Illi din hija inkwadratura li din il-Qorti tapprezza ma tistax tibqa ghaddejja hekk billi fl-ahhar mill-ahhar, kif tghallimna din il-Qorti, huwa l-minuri li qed ibati u l-Qorti ghandha l-obbigu illi skont l-istess ligi thares l-interess suprem tal-istess minuri F A B ta' sentejn u erba' xhur.

21. Premess dan kollu, tghid l-intimata/konvenuta ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandhiex tevalwa, taqta', tidderiegi, tiddeciedi, u tordna illi:

## I. <u>TALBIET</u>

a) Il-minuri F- A Gorg B: Id no: 151811L, li twieled Mater Dei Hospital, fis-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar (2.15pm), nhar il-Gimgha, 15 t'April, 2011, illum sentejn u erba' xhur, a bazi tad-dettalji fl-elenku ta' dokumenti, Dokument RE2 mehmuz, iben il-kontendenti partijiet, ghandu jigi fdat esklussivament f'idejn il-kura u kustodja ta' missieru, ir-rikorrenti A B: Id no: 0141079M, u dana ghar-ragunijiet li jigu stabbiliti fil-mori tal-kawza fl-interess suprem tal-istess minuri.

b) Ir-residenza tal-minuri ghandha tigi stabbilita fejn ikun qed jirrisjedi r-rikorrenti missier, u dana minhabba l-fatt li l-minuri issa jrid jibda t-triq tieghu fl-iskola u importanti li jkollu bazi soda mhux biss mill-imhabba ta' missieru, imma anke l-ambjent ta' familja maghquda kif inhija l-familja tar-rikorrenti, bin-nanniet paterni dedikati assolutament mhux biss ghal binhom illum ta' erba' u tletin (34) sena, imma iktar u iktar ghan-neputi taghhom indikat fit-talba precedenti;

c) Illi b'referenza ghar-rikors kontestwalment ipprezentat ma' dan ir-rikors guramentat odjern, dina l-kawza fl-interess suprem tal-minuri ghandha tinstema' u tigi deciza b'urgenza.

d) Illi minhabba l-kundizzjoni xejn stabbli, kemm fizikament kif ukoll psikologikament tal-intimata D E Id no: 0105071M, mara li ghadha legalment mizzewga u kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel differenti fl-inkwadratura tat-twelid tal-minuri, l-intimata ghandha tigi ezaminata psikjatrament minhabba d-deportament regolari taghha li ma huwa xejn normali, kif dina l-wisq Onorabbli Qorti zgur li tikkonstata fil-mora ta' din il-kawza, li ghandha tinstema' b'urgenza;

e) Illi l-access ghall-minuri ghandu jkun wiehed ta' supervizjoni fir-rigward tal-intimata omm, billi r-rikorrenti huwa preokupatissimu ghas-sigurta` u ghall-istabbilita` ta' ibnu, kif ukoll ghall-ambjent u l-izvilupp edukattiv, morali, socjali u kulturali tal-istess minuri, li ta' sentejn u erba' xhur diga huwa 'espert' fl-arti tad-dagha, u kwindi r-raguni fost ohrajn ghala l-kura u kustodja tal-iben ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

f) Illi galadarba huwa r-rikorrenti li ghandu residenza permanenti fil-Mosta, fl-indirizz: Blokk B-1, Flat 9, Government Housing Estate, Triq id-Dawr, Mosta, kif ukoll li r-rikorrenti ghandu impjieg fiss 'full time' ma' intrapriza stabbilita` fil-qasam turistiku, u ambjent familjari sod, u mrawwem fit-taghlim Nisrani, huwa ovvju li dana ghandu jkun l-ambjent li fih jitrabba l-iben minuri u mhux ambjent disorjentat, insigur u moralment deprevanti kif ghandu l-minuri bhalissa fejn tirrisjedi ommu l-intimata;

g) Illi l-izvilupp holistiku tal-minuri ma jistax isehh fl-immedjat sakemm il-minuri jibqa' jghix f'Ghawdex, f'appartament li jappartjeni lil istituzzjoni ta' twemmin partikolari ghal tip ta' nisa f'kundizzjoni u f'sitwazzjoni bhal ma hija dik tal-intimata;

h) Illi r-rikorrenti ghandu jigi moghti s-setgha u awtorizzat li jiddeciedi ghal dak kollu li huwa fl-interess suprem ta' ibnu, inkluz l-iskola, decizjonijiet dwar sahhet it-tifel, u kwasiasi decizjoni li tkun mehtiega ghall-iben u dana nonostante l-indecizjoni jew l-ghebusija tar-ras ghall-pika da parti tal-intimata li qieghda tikkaguna tbatija kbira ghall-minuri u inkonvenjenza kbira ghal missieru, meta hajjet it-tifel tista' tkun ferm u ferm ahjar;

i) Illi qabel mal-Qorti ghandha tkun assigurata minn esperti fil-qasam lil-intimata hija f'qaghda li tista' tiehu hsieb b'mod responsabbli u lucidu tal-minorenni, il-Qorti ma ghandhiex tippermetti li l-intimata ghandha jkollha access ghall-minuri wahedha, partikolarment jekk din tibqa' tirrisjedi f'Ghawdex u tkun trid taqsam il-fliegu bil-minuri min-naha ghall-ohra;

j) Illi f'dina l-inkwadratura realistika u preokupantissima, il-Qorti ghandha tordna dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni minghajr ma ddahhal fi spejjez zejda lir-rikorrenti, li diga ghamel bosta spejjez minn mindu twieled ibnu biex jipprova jirregola s-sitwazzjoni favur l-interess suprem tal-istess ibnu;

k) Illi fl-eventwalita` li l-intimata tibqa' kontumacja, il-Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti opportuni u mmedjati biex jinhatru Kuraturi Deputati halli jirraprezentaw lil istess intimat, u dana biex ma jkunx

hemm tattici stragegici dilatorji biex il-kawza tittawwal u tiddewwem ferm iktar milli jkun hemm htiega ghal dan;

l) Illi ghall-eta` ta' sentejn u erba' xhur, il-minuri qieghed lura ferm fl-izvilupp holistiku tieghu, u l-Qorti ghandha tordna biex jigu applikati dawk il-mizuri kollha mehtiega halli t-tifel ma jibqax lura u javvanza b'mod li jkun jista' jintegra ruhu f'ambjent skolastiku ma' tfal ohra tal-eta` tieghu, u dana bl-inqas spejjez possibbli ghar-rikorrenti li ghad illi ghandu impjieg *full time*, xorta ma ghandux xi rizorsi barra mis-salarju medju ta' haddiem f'intrapriza privata;

m) Illi r-rikorrenti m'ghandux ibati l-ebda forma ta' spejjez ghall-intransigenzi tal-intimata, li ilha bil-kelma t-tajba [in fatti kien hemm tliet medjazzjonijiet quddiem il-Medjattrici Erika Cutugno qabel ma giet intavolata din il-kawza] tircievi suggerimenti biex tasal ghal arrangament logiku ta' x'inhuma l-ahjar interessi ta' F-A, izda dina baqghet twebbes rasha u r-rikorrenti ma kellux triq ohra ghajr illi jintavola din il-kawza;

22. Illi f'dina l-inkwadratura ta' dawn it-tlettax-il talba, li huma ovvjament intizi ghall-ahjar interessi tal-minuri u xejn aktar, dina l-wisq Onorabbli Qorti, bor-rispett kollu, hija mitluba biex iqsar zmien possibbli tiddetermina din il-kawza halli l-minuri ma jibqax f'din is-sitwazzjoni ta' incertezza kbira u f'ambjent li mhux konducenti ghall-ahjar interess tieghu stess.

Rat ir-risposta guramentata li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament hija qieghda tecepixxi l-privilegium fori l-ghaliex hija ilha Ghawdex ghal din l-ahhar sena u r-rikorrenti jaf li hija tghix gewwa l-Gzira Ghawdxija u ghalhekk messu kien jaf li l-proceduri odjerni kellhom jigu ntavolati gewwa dik il-gzira.

2. Illi fil-mertu, hija topponi ghat-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti u titlob lil Qorti sabiex tichadhom bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

3. Illi l-intimata dejjem hadet hsieb il-minuri u ghamlet minn kollox sabiex l-istess jitrabba f'ambjent tajjeb kif effettivament qieghed jigri. Fejn tinsab l-intimata ghandha s-servizzi kollha li hija ghandha bzonn inkluz support morali. Ir-rikorrenti da parti tieghu, abbanduna lil intimata u lil minuri u minkejja dan, hija dejjem ippruvat taghmel hilitha kollha biex trabbi lil

istess minuri bl-ghajnuna kollha li jaghtuha l-Agenziji varji bl-ahjar mod possibbli. Dan qieghda taghmlu bl-imhabba u minghajr ebda rimors l-ghaliex ghaliha l-ewwel u qabel kollox jigi iben il-kontendenti F.

4. Illi fis-sentenza taghha, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba, a tenur tal-artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F ghandha tkun fdata f'idejn l-intimata u li r-rikorrenti ghandu jhallas manteniment adegwat, li jizdied maz-zmien skont l-gholi tal-hajja kif ukoll sabiex ir-rikorrenti jbda jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri.

Illi bid-dovut rispett, ghar-rigward tal-ispejjez, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li hija ghandha thallas xi spejjez, ir-rikorrenti ma kellux ghalfejn jaghmel tlettax (13)-il talba biex jitlob lil din l-Onorabbli Qorti l-kura u kustodja tal-minuri F.

Rat id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat l-atti tal-medjazzjoni 886/11, 355/12 u 264/13 li ppreċedew din il-kawża bejn il-partijiet;

Rat il-Mandati ta' Inibizzjonijiet 238/11 JZM, 225/12 RGM, 76/13 RGM, 66/14 RGM, 69/15 AL, 81/16 RGM u 89/17 RGM;

Rat l-affidavit tal-attur anness ma' nota ppreżentata fis-26 ta' Awwissu 2013 u affidavit ulterjuri tal-istess anness ma' nota ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2015;

Semgħet ix-xhieda tal-intimata ta' nhar it-8 t'April 2014;

Semgħat u rat ix-xhieda kollha li ġew prodotti matul il-mori tal-kawża quddiem il-Qorti u quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji nominati mill-istess Qorti u dokumenti preżentati minnhom;

Rat id-dokumenti u rapporti kollha prezentati mill-partijiet matul il-mori ta' din il-kawża;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017, il-Qorti wara li ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-intimata reġgħet naqset milli tidher għall-kontro-eżami tagħha għal diversi seduti u wara li kkunsidrat iż-żmien illi l-proċeduri ilhom pendenti, iddikjarat il-provi magħluqa;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur preżentata fis-27 ta' Diċembru 2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata ppreżentata fis-26 ta' Frar 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-attur ppreżentata fit-3 t'April 2018;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Konsiderazzjonijiet**

***Priviligium fori***

Fir-risposta ġuramentanta, l-intimata ssollevat bħala l-ewwel eċċezzjoni tagħha l-*privilgium fori* iżda waqt is-smiegħ tal-kawża fit-23 ta' Jannar 2014 din ġiet irtirata u għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ulterjarment dwar din l-eċċezzjoni.

***Kura u kustodja, u residenza tal-minuri***

Waqt il-proċeduri ta' Medjazzjoni 352/12 b'digriet tas-16 ta' Novembru 2012 ġiet nominata s-*social worker* Therese Micallef sabiex tagħmel dak l-istħarriġ neċessrju rigwardanti l-kura u kustodja tal-minuri u l-aċċess tal-istess. Bis-saħħa ta' rapport datat 1 ta' Mejju 2013, Therese Micallef ikkonkludiet li l-kura u kustodja għandha tkun fdata f'idejn l-omm u li l-missier għandu jkollu aċċess u tgħaddi biex tipprovdi kif u meta għandu jiġi eżerċitat l-aċċess. Din il-Qorti diversament preseduta, fis-27 ta' Mejju 2013 qablet mar-rapport, addottatu u għamlitu tagħha u ordnat li pendente lite l-kura u kustodja tal-minuri tku f'idejn C E u tordna li l-access tal-missier ikun kif rakkomandat fir-rapport taghha'.

L-attur għamel diversi tentattivi waqt il-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri *sabiex pendente lite* l-kura u kustodja tiġi assenjata lilu, iżda din il-Qorti għalkemm varjat l-aċċess kif ser jiġi spjegat aktar 'l quddiem, il-kura u kustodja baqgħat f'idejn l-omm.

Il-Qorti eżaminat il-provi kollha mressqa f'din il-kawza u ġie kkonfermat li l-intimata waqfet milli tkompli taħdem sabiex tieħu ħsieb il-minuri u qiegħda tieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-istess minuri b'ċertu għaqal (fol. 1125, fol 1140 u fol 1145). Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout** deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li *'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa*

*ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** irreteniet li

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet **RM vs NM** (Rik Ġur Nru 196/10RGM):

"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta'

applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."

Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara **A sive BC vs D sive EC** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). ( Ara wkoll **Joseph Micallef vs Lesya Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018).

Għalhekk wara li kkunsidat x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri, il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-kura u kustodja ta' wild il-partijiet għandha tiġi vestita unikament favur l-intimata.

Rigwardanti r-residenza tal-minuri, il-Qorti rat mill-provi li l-minuri qiegħed jattendi skola ġewwa Għawdex u l-ambjent li jgħix fih il-minuri huwa attrezat b'servizzi ta' *social worker* li jistgħu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-minuri. Il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi ma jkun xejn għaqli li l-minuri ta' età tant tenera jiċċaqlaq mill-ambjent li traba fih u jaf sew. Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi li r-residenza tal-minuri għandha tkun dik ġewwa Għawdex flimkien mal-omm.

***Deċiżjonijiet ordinari u straordinarji***

Wara li qieset li l-partijiet għandhom storja ta' problemi ta' kommunikazzjoni bejniethom minħabba l-atteġġjament li għandhom lejn xulxin, il-Qorti tordna wkoll għalhekk illi deċiżjonijiet ordinarji

għandhom jittieħdu solament mill-intimata; deċiżjonijiet straordinarji ta'edukazzjoni għandhom jittieħdu mill-omm weħidha filwaqt li deċiżjonijiet straordinarij rigwardanti s-saħħa tal-minuri għandha tkun deċiżjoni konġunta.

*Di piu,* il-minuri ma jistax jiġi translokat fl-esteru mill-ebda ġenitur mingħajr ma jkun hemm ftehim approvat mill-Qorti jew fin-nuqqas ta' ftehim, fuq ordni tal-Qorti. Btajjel barra minn Malta bil-minuri m'għandhomx jaċċedi l-perijodu ta' ġimgħa f'sena b'dan li l-passaport ikun ristrett għal perjodu ta' ġimgħa għal kull btala. Il-ġenituri huma obbligati li jinformaw lil xulxin fi żmien raġonevoli bil-btala li tkun pjanat li ssir mal-minuri.

***Aċċess***

Dwar l-aċċess tal-missier versu l-minuri, il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni d-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju 2015 (fol. 1332) u osservat li din l-istruttura qed tiffunzjona, il-Qorti tiddeċiedi li l-aċċess għandu jitkompla jiġi eżerċitat kif ġej:

a. Mill-Ġimgħa fl-4:30 p.m sal-Ħadd fl-4:30 p.m., ġimgħa iva u ġimgħa le;
b. Fil-bidu tal-aċċess l-omm għandha twassal lill-minuri ġewwa t-Terminal taċ-Ċirkewwa u tgħaddih lill-missier filwaqt li fi tmiem l-aċċess il-missier għandu jwassal lill-minuri ġewwa t-Terminal tal-Imġarr Għawdex u jgħaddih lill-omm. Waqt l-iskambju tat-tifel il-ġenituri huma projbiti milli jitkellmu ma' jew jindirizzaw lil xulxin, sakemm mhux f'każ ta' urġenza massima.
c. In-nanniet paterni huma awtorizzati jiġbru huma lill-minuri fil-bidu tal-aċċess mit-Terminal taċ-Ċirkewwa u jwasslu huma lill-minuri fit-Terminal tal-Imġarr Għawdex fi tmiem l-aċċess. Tapplika wkoll il-projbizzjoni li l-omm u n-nanniet paterni ma jitkellmux jew jindirizzaw lil xulxin ħlief f'każ ta' urġenza massima;

d. Tordna illi fl-eventwalità li l-minuri ma jkunx jista' jmur għall-aċċess ma' missieru minħabba li jkun marid, l-omm hija ordnata tavża lill-missier bil-mezz ta' sms sa mhux aktar tard minn ħames siegħat qabel il-bidu tal-aċċess. F'tali eventwalità l-intimata għandha tieħu ħsieb illi dakinhar stess it-tifel jiġi invistat minn tabib li joħroġ ċertifikat mediku li jispeċifika b'mod ċar il-kondizzjoni medika li minnha jkun qed ibati l-minuri u għaliex tkun impediet lit-tifel milli jmur għall-aċċess ma' missieru. Kull meta tinqala' ċ-ċirkostanza imsemmija l-missier jeżerċita l-aċċess mitluf fi tmiem il-ġimgħa ta' wara b'sostituzzjoni għal dik mitlufa b'hekk jeżerċita l-aċċess f'żewġ tmiem il-ġimgħa konsekuttivi;
e. Torda li jekk il-minuri jkun qiegħed jieħu xi mediċina, iċ-ċertifikat tat-tabib u l-mediċina għandhom jingħataw lill-missier jew nanniet fil-bidu tal-aċċess, dawn għandhom jerġgħu jirritornaw lill-omm meta jwasslu lura lill-minuri. L-istess, jekk il-minuri jimrad waqt l-aċċess, il-missier jew in-nanniet għandhom jagħtu ċ-ċertifikat tat-tabib kif ukoll il-mediċina preskritta lill-omm meta jwasslu lill-minuri lura;
f. Waqt l-aċċess il-missier huwa obbligat li jassisti lill-ibnu fil-*homework* u l-*extra study work* li l-għalliema jistgħu jibgħatu mal-minuri.

***Manteniment***

Artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li

(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

[...]

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt *trust*.

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern hija tal-fehma illi l-manteniment xieraq li l-missier għandu jħallas fl-interess tal-minuri huwa ta'  mitejn u sittin Ewro (€260) fix-xahar oltre nofs l-pejjeż edukattivi u ta'
aħħa, liema manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmi minuri jagħlaq l-età ta' tmintax-il sena (18) jekk jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem bi qligħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena skond iċ-ċirkostanzi provduti mil-liġi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata konformement ma' dak hawn deċiż;

1. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, is-sitt, is-seba' u d-disgħa talba attrici u tiddeċiedi illi l-kura u kustodja u r-residenza ta' wild il-partijiet għandha tiġi vestita unikament favur l-intimata;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba' talba;

3. Tiċħad il-ħames talba u tordna li l-aċċess jiġi eżerċitat kif *supra* spjegat;

4. Tiċħad it-tmien talba billi deċiżjonijiet ordinarji jiġu deċiżi unikament mill-omm; deċiżjonijiet straordinarji dwar edukazzjoni għandhom jiġu deċiżi mill-intimata weħidha filwaqt li deċiżjonijiet dwar saħħet il-minuri għandhom jittiehdu b'mod konġunt;

5. Tilqa’ parzjalment l-għaxar talba billi tiffissa u tillikwida bħala manteniment ghall-minuri kull xahar pagabbli mill-attur lill-konvenuta s-somma ta’ mittejn u sittin Ewro (€260) oltre nofs spejjeż edukattivi u ta' saħħa tal-minuri, liema manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Dan il-manteniment jibqa’ hekk pagabbli sakemm l-imsemmi minuri jagħlaq l-età ta’ tmintax-il sena (18) jekk jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem bi qligħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena skond iċ-ċirkostanzi provduti mil-liġi u dan b'effett mill-1 ta' Frar 2019;

6. Tiċħad il-ħdax-il talba billi ma hemm bżonn ta’ ebda ħatra ta’ kuratur depututi;

7. Tiċħad it-tnax-il talba stante li l-minuri qiegħed jattendi skola ġewwa Għawdex.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion** **Lydia Ellul**
**Imħallef** **Deputat Registratur**